MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 186/2012

**Angela Magro u Giuseppa Magro u**
**b'nota tas-17 ta' Mejju 2012 l-atti tal-kawza**
**gew trasfuzi f'isem Angela Magro wara l-mewt**
**tal-attrici Giuseppa Magro fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Angelo Magro u martu Salvina Magro u**
**ghal kull interess li jista' jkollhom,**
**George u martu Grace Magro,**
**Emanuel u martu Mary Magro,**
**Giuseppe u martu Rita Magro u**
**Salvatore u martu Doris Magro**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-21 ta' Frar 2012 li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti Giuseppa Magro u r-ragel taghha Emanuel Magro kienu proprjetarji tal-fond razzett li ghandu bieb li jgib in-numru wiehed (1) fi Triq tax-Xjakka f'Haz-Zabbar, liema bieb jaghti ghal entrata mghottija, u ghandu wkoll bieb iehor li wkoll igib in-numru wiehed (1) li jaghti fuq il-main road li tigi kantuniera mal-istess Triq tax-Xjakka u minn naha ta' gewwa jaghti ghal fuq sqaq mhux imsaqqaf. Dan ir-razzett jinkludi mieghu wkoll kamra li giet identifikata bhala l-kamra tal-annimali li tinsab fir-raba ta' wara r-razzett;

Illi r-rikorrenti Giuseppa Magro flimkien ma zewgha kienu xtraw dan ir-razzett, flimkien mal-kamra tal-annimali, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984), vera kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bl-ittra "A";

Illi Emanuel Magro miet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u dan kif jidher minn certifikat tal-mewt li jgib in-numru seba' mija u sitta u ghoxrin tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (726/1995) kopja ta' liema huwa anness u mmarkat bl-ittra "B";

Illi Emanuel Magro halla is-sehem tieghu ta' nofs indiviz mir-razzett aktar il-fuq deskritt lil-bintu r-rikorrenti Angela Magro b'titolu ta' legat, skond testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, li jgib id-data tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), vera kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "C", Ic-certifikati testamentarji, kemm pubblici kif ukoll dawk sigrieta, qed jigu hawn annessi u mmarkati bl-ittri "D" u "E" rispettivament;

Illi r-rikorrenti Giuseppa Magro ttrasferiet favur bintha r-rikorrenti Angela Magro r-rimanenti nofs indiviz tar-razzett fuq deskritt li kien jappartjeni lilha u dan permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni datat it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u

mmarkata bl-ittra "F", u fuq l-istess att hija rriteniet favur taghha d-dritt ta' uzufrutt fuq l-imsemmi razzett;

Illi r-rikorrenti Angela Magro giet immessa fil-pussess tal-legat imholli lilha minn missierha minn hutha kollha hlief l-intimat, lkoll bhala werrieta ta' missierhom Emanuel Magro, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi datat tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), vera kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "G" u barra minn hekk hija gja ghanda l-pussess materjali tal-imsermmi immobbli billi ghandha c-cwievet u liberalment taghmel uzu mill-immobbli;

Illi r-rikorrenti Angela Magro sejhet lill-intimat Angelo Magro wkoll, bhala wiehed mill-werrieta tal-mejjet Emanuel Magro, sabiex jaghtiha l-pussess tan-nofs indiviz tar-razzett fuq deskritt, skond l-artikolu 726 tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) izda huwa baqa inadempjenti;

Illi in oltre, l-intimat Angelo Magro wettaq xogholijiet fil-proprjeta tar-rikorrenti billi: ddemolixxa zewg hitan li kienu jifirdu r-razzett fuq imsemmi mir-raba proprjeta tal-intimat Angelo Magro u ta' hutu l-ohrajn George, Emanuel, Giuseppe u Salvatore Magro wkoll hawn intimati (vide vera kopja tal-kuntratt datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elf dia' mija u erbgha u tmenin (1984) fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza hawn annessa u mmarkata bl-ittra "H"); iddemolixxa wkoll il-kamra tal-annimali aktar il-fuq imsemmija u minn flokha bena kamra akbar li huwa approprja ghalih in-nifsu; u finalment ghadda minn bitha li tifforma parti mir-razzett hawn imsemmi cable u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament u dan sabiex huwa wassal tali servizzi mid-dar proprjeta tieghu li tinsab fil-vicinanzi tar-razzett, ghall-art hawn imsemmija li hija proprjeta tal-intimat u hutu (jew vice versa, mir-raba ghad-dar);

Illi ghaldaqstant l-intimat Angelo Magro dahal f'parti mill-proprjeta tar-rikorrenti u fuqha esegwixxa certu xogholijiet fuq il-hitan, usurpa l-kamra tal-annimali u hadda cable u katusa mill-arja proprjeta tar-rikorrenti kif aktar il-fuq spjegat u konsegwentement qed jokkupa partijiet mir-

razzett illegalment, abbuzivament u bla ebda dritt fil-ligi u dan kif ser jigi pruvat ahjar matul it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-intimat Angelo Magro kemm il-darba gie interpellat sabiex jiddezisti milli jkompli jagixxi b'dan il-mod illegali u abbuziv u sabiex jirriprestina s-sitwazzjoni ghal dik prevalenti qabel ma saru minnu x-xogholijiet aktar il-fuq spjegati, izda huwa baqa inadempjenti;

Illi ghalhekk din il-kawza qed issir ukoll abbazi tal-actio rei vendicatoria biex jigi determinat u deciz li x-xogholijiet maghmula mill-intimat u l-cable u katusa mghoddija mill-intimat huma maghmula u mghoddija fuq proprjeta tar-rikorrenti u b'hekk qieghed jokkupa parti mill-immobli appartenenti lir-rikorrenti;

Jghid ghalhekk l- intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat bhala werriet ta' Emanuel Magro ihallas lir-rikorrenti Angela Magro l-legat lilha mholli mill-istess Emanuel Magro fit-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, li jgib id-data tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986), billi jaghtiha l-pussess legali tar-razzett deskritt ahjar fil-premessi ta' dan ir-rikors;

2. Tahtar Nutar biex jercievi u jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess u kuraturi biex jidhru f'isem l-intimat Angelo Magro fil-kaz illi dan jonqos li jersaq ghall-publikazzjoni ta' dan l-att;

3. Tiffissa gumata u hin li fiha ghandu jigi pubblikat l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess;

4. Tiddikjara li dawk il-partijiet mir-razzett u l-kamra tal-annimali li dwarhom usurpa favur tieghu certu drittijiet kif spjegat ahjar fil-premessi ta' dan ir-rikors, jappartjenu lir-rikorrenti Angela Magro bid-dritt ta' uzufrutt favur ir-rikorrenti l-ohra Giuseppa Magro;

5. Tiddikjara li l-intimat Angelo Magro wettaq xogholijiet fuq zewg hitan u fuq il-kamra tal-annimali u wkoll ghadda cable u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f'bitha li lkoll jifformaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement qed jokkupa partijiet mir-razzett illegalment, abbuzivament u bla ebda titolu fil-ligi;

6. Tordna lill-intimat Angelo Magro sabiex, a spejjez tieghu, u taht sorveljanza ta' Perit li jigi mahtur minn din il-Qorti ghal dan il-ghan, jirriprestina s-sitwazzjoni koncernati r-razzett proprjeta tar-rikorrenti fl-istat prevalenti qabel ma saru x-xogholijiet in kwistjoni u cioe billi jinbnew iz-zewg hitan li twaqqaw mill-intimat Angelo Magro, terga tinbena l-kamra tal-annimali skond l-istat originali taghha u jitnehhew il-cable u l-katusa li bhalissa ghaddejjin mill-bitha proprjeta tar-rikorrenti u konsegwentement ukoll jiddezisti milli jokkupa dawn il-partijiet tar-razzett bi kwalunkwe mod u jirrilaxxa l-imsemmija partijiet okkupati minnu illegalment u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilu minn din il-Qorti;

7. Fil-kaz li l-intimat Angelo Magro jibqa’ inadempjenti tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu huma x-xogholijiet necessarji imsemmija fit-talba precedenti a spejjez unikament tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti Angelo u Salvina konjugi Magro li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti AngeIo Magro huwa wiehed mill-werrieta ta' Emanuel Magro, fil-waqt Ii Salvina Magro ma ghandha x'taqsam xejn mal-eredita tieghu ghajr Ii tigi mart l-esponenti AngeIo Magro;

2. Illi sa fejn jaf l-esponenti qatt ma saret dikjarazzjoni causa mortis tal-eredita tal-mejjet Emanuel Magro;

3. Illi l-esponenti Angelo Magro akkwista flimkien ma' whud minn hutu xi proprjeta minghand il-mejjet u

kuntrarjament ghal dak li qieghdin jippretendu l-atturi, mhuwiex minnu li esponenti uzurpa xi proprjeta tal-atturi;

4. Illi bejn il-kontendenti hemm diversi kwistjonijiet u bejn uhud minnhom anke kawzi u l-azzjoni odjerna mhi xejn ghajr mezz iehor sabiex issir pressjoni fuq l-esponenti;

Illi ghalhekk l-esponenti jeccepixxu dan li gej:

1. Preliminarjament in-nullita tal-kawza stante li l-mod kif din giet proposta ma jregix in kwantu (i) azzjoni ghal immissjoni fil-pussess ma tistax tithallat ma' azzjoni petitorja; (ii) l-attrici Giuseppa Magro ma ghandha l-ebda interess guridiku sabiex tipproponi t-talbiet attrici;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni mhijiex proponibbli stante li l-atturi ma ssodisfawx id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti billi qabel xejn kellhom jaraw li ssir dikjarazzjoni causa mortis tal-eredita ta' Emanuel Magro;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni giet postulata b'mod skorrett meta ddahhlu konjugi tal-eredi li m’ghandhom x'jaqsmu xejn mal-eredita;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess hija perenta stante li ghaddew aktar minn ghaxar snin mill-apertura tas-successjoni tal-mejjet Emanuel Magro;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi r-raba, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi in kwantu l-azzjoni attrici giet diretta inutilment ukoll kontra konvenuti ohra u cjoe, l-konvenuti li qeghdin jitharrku "ghal kull interess li jista' jkollhom" liema pass sar biss sabiex jizdiedu l-ispejjez u ghalhekk fi kwalsiasi eventwalita l-esponenti ma jistghux jigu kkundannati jhallsu spejjez taghhom;

8. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni hi intempestiva stante li ma gietx preceduta minn interpellazzjoni gudizzjarja u ghalhekk fi kwalsiasi eventwalita l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu spejjez;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti l-ohra kollha li tghid hekk:
Li biha qed jammettu t-talbiet li ressqu r-rikorrenti ohthom Angela Magro u ommhom Giuseppa Magro u dan fis-sens hawn taht spjegat:

(1) ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti - dawn huma unikament indirizzati lill-intimat Angelo Magro stante li huwa l-uniku wiehed mill-ahwa Magro, cioe minn hut ir-rikorrenti Angela Magro, li qieghed jirrifjuta li jimmetti fil-pussess lir-rikorrenti Angela Magro tal-legat imholli lilha minn missierha. Fil-fatt l-esponenti immettew lir-rikorrenti Angela Magro fil-pussess ta' l-imsemmi legat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi tat-tmientax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011);

(2) ghal dak li jirrigwarda r-raba talba tar-rikorrenti - l-esponenti jaqblu u jaccettaw illi l-partijiet mir-razzett u l-kamra tal-annimali li tissemma f'din it-talba u fil-premessi tar-rikors guramentat fil-fatt jappartjenu lil ohthom ir-rikorrenti Angela Magro bi dritt ta' uzufrutt favur ommhom ir-rikorrenti l-ohra Giuseppa Magro. L-esponenti flimkien mal-intimati Angelo u Salvina Magro huma s-sidien ta'

raba u kmamar li jinsabu adjacenti ghar-razzett u l-kamra tal-annimali imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom izda dawn iz-zewg fondi huma distinti minn xulxin u la l-esponenti u lanqas l-intimati l-ohrajn m'ghandhom l-ebda jedd fuq l-imsemmi razzett bil-kamra tal-annimali mieghu;

(3) ghal dak li jirrigwarda l-hames, is-sitt u s-seba' talba tar-rikorrenti - dawn huma unikament indirizzati lill-intimati Angelo u martu Salvina Magro stante li l-esponenti jikkonfennaw li kien l-intimat Angelo Magro li llegalment u minnghajr ma kellu ebda dritt wettaq ix-xogholijiet fuq iz-zewg hitan u fuq il-kamra tal-annimali u li ghadda l-cable u katusa tad-dawl u l-ilma rispettivament f'bitha li lkoll jiffonnaw parti mill-immobbli proprjeta tar-rikorrenti Angela Magro.

In vista tac-cirkustanzi hawn fuq imsemmija huma m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ebda spejjez relattivi ghal kawza odjerna.

Rat l-atti kollha tal-kawza u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat illi l-konvenuti iritraw l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni preliminari taghhom skond verbal tal-25 ta’ Gunju 2012;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in parte fuq l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni, it-tielet u raba eccezzjonijiet tal-konvenuti Angelo u Salvino Magro ghat-2 ta’ Ottubru 2012;

**Eccezzjoni dwar l-imroponibilita tal-azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess ta’ legat ma’ azzjoni rei vindicatoria**

Il-konvenuti Magro qed jikkontendu illi l-azzjoni rei vindicatoria issir min sid il-proprjeta li ghandu l-jedd imexxi azzjoni simili. Billi l-artikolu 726 tal-Kap. 16 jaghti d-dritt tal-legatarju jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga imhollija bil-legat isegwi illi sakemm l-attrici tigi imessa fil-pussess

ma tistax tmexxi il-quddiem azzjoni fuq drittijiet ta' proprjetarju.

Jirrizulta illi l-attrici qed tagixxi f'din l-azzjoni bhala proprjetarja tal-fond in kwistjoni. Dan il-fond ippervjena lilha b'zewg modi u f'zewg stadji. Hi thalliet in-nofs indiviz tal-fond b'legat minghand missierha Emanuele Magro skond it-testment tieghu tat-13 ta' Marzu 1986 (atti Nutar Bisazza) u n-nofs l-iehor ippercepitu b'donazzjoni minghand ommha Giuseppa Magro b'kuntratt ta' donazzjoni fit-8 ta' Frar 2010 (atti Nutar Azzopardi).

Il-partijiet jaqblu illi ma ttiehdet ebda azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat tal-fond qabel ma ttiehdu l-proceduri permezz ta' din il-kawza, ghalkemm jirrizulta illi l-eredi l-ohra hlief il-konvenut Angelo Magro immittew lill-attrici fil-pusses ta' legat permezz ta' kuntratt tat-18 ta' Novembru 2011 atti Nutar Azzopardi.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza A**zzopardi vs Cauchi** deciza 14/10/2004 li kkwotat sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Baldacchino noe vs Mifsud noe** deciza fid-29 ta' Ottubru 1999:

il-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lill-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, tant illi l-istess legatarju huwa paragunat bhala "kreditur" tal-wirt.
Bhala "kreditur", l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata pussess tal-oggett tal-kreditu, u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Borg vs Vella et", deciza fit-3 ta' Marzu, 1995, l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija "c-cavetta" ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni.

Is-sentenza izzid hekk:
Sakemm ma jottjeniex minghand l-eredi (jew l-ezekutur testamentarju) ir-rilaxx tal-oggett legat, il-legatarju ma jistghax jiehu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jottjeni dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, izda d-dritt

tieghu ta' proprjeta' jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jezercitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', izda jibqa' dritt incert u suggett ghall-kontestazzjoni sakemm ma jigix immiss fil-pussess (ara Laurent "Diritto Civili", Vol. XIV para. 21 et seq).

Fil-fatt gie osservat li, "zgur li l-ligi riedet illi l-legatarju, anke jekk isir effettivament proprjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur, m'ghandux id-disponibilita' shiha ta' l-oggett lilu legat sakemm ma jigix immess fil-pussess tieghu mill-werrieta, li min naha taghhom, sa dak il-mument, ma jistghux jiddisponu minnu proprju ghalhiex ikun thalla lil haddiehor. Hu proprju ghalhekk li l-legatarju ma jistax jezercita l-azzjoni rivendikatoria kontra terzi pussessuri tal-fond li jifforma l-oggett legat qabel ma jkun gie immiss fil-pussess tieghu" – "Vassallo La Rosa vs Vassallo La Rosa", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta' Gunju, 1936. Kif intqal ukoll minn din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Farrugia", deciza fit-3 ta' Ottubru, 1960, il-legat ma jigix trasferit ipso iure, u l-legatarju ma jistax jezercita ebda azzjoni kontra t-terzi fuq l-oggett tal-legat qabel ma jkun sar pussessur tal-legat (ara wkoll "Pace vs Annati", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 1957).

Dan premess, ma jfissirx li legatarju, sakemm jinghata l-pussess tal-legat, ma jista' jaghmel xejn biex jikawtela l-interessi tieghu. Legatarju li ma jkunx ghadu nghata pussess tal-oggett tal-legat jista' jitqies bhala kreditur li ghandu l-kreditu tieghu soggett ghall-kundizzjoni suspensiva, cioe', li tiddependi minn grajja li ghad trid tigri (l-immissjoni fil-pussess). Issa, skond l-artikolu 1062 tal-Kodici Civili, kreditur jista', qabel ma ssehh il-kondizzjoni, jaghmel l-atti kollha mehtiega "biex izomm shah il-jeddijiet tieghu".

F'dan il-kaz pero anki jekk jinghad ghal grazzja tal-argument li l-attrici ma nghatatx l-immissjoni fil-pussess b'mod tacitu mill-konvenut Angelo Magro jibqa' fatt indiskuss illi dak li qed jintalab b'din il-kawza hu l-immissjoni tal-pussess ta' nofs indiviz tal-fond immobbli peress li n-nofs indiviz l-iehor hu gia proprjeta tal-attrici

permezz tal-kuntratt ta' donazzjoni. Kull sid ghandu d-dritt li jipprotegi, jammistra u jgawdi l-proprjeta tieghu bl-aktar mod ampju u din l-azzjoni attrici ibbazata fuq dritt ta' ri-integrazzjoni ta' proprjeta u tnehhija ta' abbuz hi wahda legittima li tista' ssir u qed issir mis-sid li ghandha almenu nofs indiviz tal-fond in kwistjoni.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut Angelo Magro ma tistax tirnexxi semplicement a bazi ta' nuqqas ta' immissjoni fil-pussess ta' nofs indiviz tal-fond.

**Eccezzjoni li l-azzjoni ghall-immissjoni fil-pussess hi perenta ghax ghaddew aktar min ghaxar snin mill-appertura tas-successjoni tal-mejjet Emanuel Magro a bazi tal-artikolu 845(1) tal-Kap. 16**

Hu minnu illi Emanuel Magro miet fl-1995 u l-kawza saret fl-2012.

Il-Qorti fil-kawza **Degabriele vs Attard et** deciza 26/06/2005 qalet hekk:
Illi dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici waqghet bil-preskrizzjoni, jinghad li din tinbena fuq dak li jghid l-artikolu 845 tal-Kodici Civili. F'dak l-artikolu l-ligi taghti lil kull min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew legittima (petitio hereditatis) ghaxar snin zmien mill-ftuh tal-wirt biex jaghmel dan. Fejn min ikollu jedd ghal azzjoni bhal dik ikun taht l-eta', z-zmien ta' ghaxar snin jibda jghodd minn meta tali persuna tilhaq l-eta'[1];

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li l-attrici qeghda tmexxi kontra l-imharrkin hija azzjoni li taqa' sewwasew fis-sejha ta' petitio hereditatis;

Illi z-zmien mahsub fl-artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva[2]. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghgz-zmien ta'

[1] Art. 845(2) tal-Kap 16
[2] App. Civ. **28.3.1955** fil-kawza fl-ismijiet ***Borg et vs Zammit*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.139**)

ghaxar snin, ikun zamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;

Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taggha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taht ezami;

Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-artikolu 845 tal-Kodici Civili (bhalma huwa mehtieg f'kull kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva taht l-artikolu 2140 tal-istess Kodici) irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt (x'aktarx, izda mhux bilfors,
taht titolu partikolari) lill-parti attrici, irid ikun zamm pussess shih ta' l-haga mitluba daqslikieku kienet tieghu (*animo domini*) ghaz-zmien kollu preskrittiv[3]. Jehtieg jintwera wkoll li, ghal tul dak iz-zmien kollu, min ikun zamm f'idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt ikun ghamel hekk b'bona fidi[4]. Minhabba li l-bona fidi hija prezunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bhal dik[5];

F'dan il-kaz ma ngiebet ebda prova li l-konvenut Angelo Magro kellu f'idejh il-pussess tal-legat bil-mod kif spejgat is-sentenza precitata u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

**Eccezzjoni tal-azzjoni ma messhiex saret kontra l-konjugi tal-eredi**

Din l-azzjoni hi maqsuma fi tnejn bl-ewwel parti intiza ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat u t-tieni parti ghar-ri-integrazzjoni tal-istess proprjeta li abusivament giet uzurpata lill-attrici u fin-nuqqas li jhallsu l-ispejjez necessarji biex jigi ripristinat il-fond tal-attrici.

---

[3] P.A. **19.5.1957** fil-kawza fl-ismijiet ***Ellul Bonici vs Apap Bologna et noe*** (Kollez. Vol: XLI.ii.1022)
[4] App. Civ. **29.1.1954** fil-kawza fl-ismijiet ***Briffa vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.21**)
[5] Art. 532 tal-Kap 16

Il-Qorti taqbel li kieku l-kawza hi biss ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat, allura l-konvenuti Magro kienu jkollhom ragun peress illi l-immissjoni fil-pussess trid isir mill-eredi u mhux l-konsorti taghhom. Pero t-talbiet dwar ir-ri-integrazzjoni tal-proprjeta u hlas ta' spejjez fin-nuqqas ta' ri-integrazzjoni mill-konvenuti huma atti li jidhlu safejn jirrigwarda l-konvenuti fil-parametri tal-ligi tal-komunjoni tal-akkwisti fosthom l-artikolu 1327(f) tal-Kap. 16 dwar debiti tal-komunjoni.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni, it-tielet u raba eccezzjonijiet tal-konvenuti Angelo u Salvina Magro.

Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------